MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2010

Citazzjoni Numru. 69/2007

**A**

**-vs-**

**B**

**Il-Qorti;**

Rat r-rikors ġuramentat ippreżentat fl-20 ta' Frar, 2010 li permezz tiegħu l-attur ippremetta:

Illi r-rikorrenti żżewweġ lil B fit-28 ta' Awissu 2004;

Illi minn dan iż-żwieġ, twieldet C fit-22 ta' Frar 2005, u li llum għandha sentejn;

Illi fis-27 ta' Marzu 2006, fl-atti tan-Nutar Joseph Debono, il-kontendenti konjuġi ffirmaw kuntratt ta' separazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti fejn fost affarijiet oħra ġiet

itterminata u xolta l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejniethom, kopja ta' dan l-att qed jiġi anness.

Illi l-intimata saret ħatja kontra r-rikorrenti żewġha ta' adulterju, eċċessi, moħqrija u offiżi gravi u illi għalhekk ġiet reża mpossibbli l-ħajja konjugali bejniethom;

Illi r-rikorrenti m'għandux aċċess regolari għall-minuri;

Illi r-rikorrenti ġie awtorizzat jipproċedi għas-separazzjoni personali permezz ta' digriet tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) li jġib in-numru ___/__;

Għaldaqstant tgħid l-intimata għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjuġi minħabba adulterju, eċċessi, moħqrija u offiżi gravi li l-istess konvenuta kkommettiet kontra żewġha;

2. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-konvenuta ddekadiet mid-dritt tagħha ta' manteniment;

3. Tordna illi l-kura u l-kustodja tat-tifla minuri tkun konġunta u li kull parti għandha tikkontribwixxi ugwalment għall-manteniment u edukazzjoni xierqa tal-minuri;

4. Tapplika kontra l-konvenuta s-sanzjonijiet kontemplati fid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta);

Bl-ispejjeż kontra l-intimata.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attur u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata, preżentata fit-12 ta' April 2007, li permezz tagħha l-konvenuta eċċepiet bir-rispett:

1. Illi l-eccipjenti taqbel li għandha tiġi ppronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti

b'dan pero' li jiġi dikjarat li ż-żwieġ tal-partijiet tkisser b'mod irrimedjabbli ħtija tar-rikorrent senjatament minħabba adulterju, sevizzi, minaċċi u nġurji gravi.

2. Illi għalhekk l-eċċipjenti bl-ebda mod ma ddekadiet mid-dritt tagħha ta' manteniment u r-rikorrent għandu jiġi kkundannat iħallas lill-esponent manteniment għaliha.

3. Illi l-kura u l-kustodja tal-minuri C għandha tiġi assenjata esklussivament lill-esponenti *stante* li kienet dejjem hi li ħadet ħsieb il-bżonnijiet tal-minuri, u r-rikorrent mhux biss iddikjara kemm-il darba u wera biċ-ċar li m'huwiex kapaċi jieħu ħsieb it-tifla, iżda lanqas biss qatt ma pprova jieħu ħsiebha.

4. Illi r-rikorrent qed jitlob il-kura u kustodja konġunta tal-minuri biex ma jħallasx manteniment versu bintu.

5. Illi l-eċċipjenti tiddikjara li ladarba m'hijiex ħatja għas-separazzjoni bejn il-kontendenti m'għandhomx japplikaw kontra tagħha s-sanzjonijiet ikkontemplati mil-Liġi.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri kemm-il darba jkun il-każ.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenuta u l-lista tax-xhieda.

Rat il-kontro-talba tal-konvenuta li permezz tagħha ppremettiet:

Illi l-esponenti żżewġet lir-rikorrent fit-28 ta' Awissu, 2004 (Dok. A), minn liema żwieġ twieldet il-minuri C fit-22 ta' Frar, 2005 (Dok. B).

Illi fis-27 ta' Marzu 2006, il-kontendenti ffirmaw kuntratt ta' separazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, liema kuntratt ġie ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr. Joseph Debono.

Illi l-ħajja matrimonjali bejn il-kontendenti m'għadhiex aktar possibbli minħabba raġunijiet imputabbli lill-attriċi senjatament adulterju, sevizzi, minaċċi u ngurji kbar.

Illi l-esponenti għandha l-kura u l-kustodja effettiva tal-minuri C ta' sentejn.

Illi l-esponenti ma taħdimx u r-rikorrent m'huwiex qed jgħaddi manteniment la għaliha u lanqas għall-minuri binthom.

Illi *inoltre* l-esponenti għandha biża' reali li r-rikorrent jista' jaħrab bil-minuri C barra minn Malta *stante* li huwa għandu diversi konnessjonijiet esteri, inkluż li huwa stess twieled l-Awstralja u qatta' ħames snin jgħix barra minn Malta. Din il-biża' temani wkoll mill-fatt li r-rikorrent kemm-il darba ddikjara li huwa jrid jitlaq jgħix barra minn Malta.

Illi għal dan il-għan l-esponenti qegħda kontestwalment tippreżenta mandat ta' inibizzjoni biex il-minuri C ma tinħariġx barra minn Malta.

Jgħid għalhekk ir-rikorrent l-għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:

1. Tiddikjara u tipprinunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti għal raġunijiet imputabbli lir-rikorrent.

2. Tordna li l-kura u l-kustodja tal-minuri C tiġi fdata esklussivament f'idejn l-esponenti bi dritt ta' aċċess taħt superviżjoni għar-rikorrent.

3. Tordna lir-rikorrent sabiex jibda jgħaddi manteniment lill-esponenti għaliha u għal minuri C fis-somma stabbilita minn din l-Onorabbli Qorti.

4. Tordna li r-rikorrent iddekada mid-dritt tiegħu għall-manteniment mingħand l-esponenti.

5. Tikkonferma permanentement il-mandat ta' inibizzjoni ppreżentat kontestwalment fl-ismijiet "B vs A".

6. Tordna li t-tifla minuri C li twieldet fit-22 ta’ Frar, 2005, ma titħalliex toħroġ minn Malta mingħajr il-permess tal-Qorti.

7. Tordna li r-rikorrent jiddepożita l-passaport tal-minuri, jekk ikun il-każ, ma’ din il-Qorti jew ma’ awtorita’ kompetenti oħra li jidhrilha opportuna li tinnomina l-Qorti.

8. Tordna n-notifika tas-sentenza eventwali lill-awtoritajiet kompetenti kollha.

9. Tapplika kontra r-rikorrent is-sanzjonijiet kontemplati fid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16) tal-Liġijiet ta’ Malta.

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-mandat ta’ inibizzjoni ppreżentat kontestwalment kontra r-rikorrent li huwa minn issa stess inġunt għas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-attur, ippreżentata fit-2 ta’ Mejju 2007, li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi l-esponenti jaqbel illi għandha tiġi dikjarat s-separazzjoni tal-konjuġi *stante* li ż-żwieġ tfarrak irrimedjabbilment, iżda dan għal raġunijiet imputabbli unikament lil konvenuta rikonvenzjonanti B u dan minħabba li hija rrendiet ħatja ta’ adulterju, abbandun, eċċessi, vjolenza, moħqrija u offiżi gravi kontra l-attur;

2. Illi l-kura u l-kustodja tat-tifla minuri għandha tkun konġunta u dan fl-aħjar interess tal-minuri, *stante* li ma teżisti ebda raġuni valida skond il-liġi għaliex il-minuri m’għandhiex tiġi fdata lil missierha u jew li l-aċċess tal-minuri għandu jkun taħt xi superviżjoni;

3. Illi l-attur rikonvenzjonat jaqbel li għandu jgħaddi l-manteniment għall-minuri kif diga’ qed jagħmel, iżda l-konvenuta rikonvenzjonanti tilfet id-dritt għall-manteniment għaliha *stante* li kif ġia’ ġie eċċepit hija ħatja ta’ adulterju, abbandun, eċċessi, vjolenza, moħqrija u offiżi gravi kontra l-attur rikonvenzjonat, kif ukoll *stante* li hi

għandha ntrojtu ħafna aktar għoli minn dak tal-attur rikonvenzjonat;

4. Illi dwar ir-raba' talba tal-konvenuta rikonvenzjonanti, l-attur ma ddekadiex mid-dritt tiegħu għall-manteniment;

5. Illi ma teżisti ebda raġuni valida skond il-liġi għall-ħruġ u / jew għall-konferma tal-mandat ta' inibizzjoni fl-ismijiet "B vs A";

6. Illi hemm qbil mas-sitt talba tal-konvenuta rikonvenzjonanti, u ċioe' li l-minuri ma titħalliex toħroġ minn Malta mingħajr il-permess tal-Qorti;

7. Illi s-seba' talba tal-konvenuta rikonvenzjonanti ma tistax tiġi milqugħa *stante* illi l-attur rikonvenzjonat m'għandux fil-pussess tiegħu l-passaport tal-minuri;

8. Illi m'hemmx oġġezzjoni għat-tmien talba tal-konvenuta rikonvenzjonanti;

9. Illi fir-rigward tad-disa' talba tal-konvenuta rikonvenzjonanti din għandha tiġi miċħuda fil-konfront tal-attur rikonvenzjonat *stante* li huwa bl-ebda mod responsabbli għas-separazzjoni bejn il-kontendenti, anzi l-effetti tal-artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili għandhom jiġu applikati fil-konfront tal-konvenuta rikonvenzjonanti li ż-żwieġ tkisser unikament tort tagħha;

10. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-affidavits preżentati mill-partijiet;

Rat id-digriet tagħha tal-11 ta' Ġunju 2007 li permezz tiegħu nnominat lill-Avukat Dottor Elena Naudi Depasquale bħala Assistent Ġudizzjarju biex tisma' l-provi. Rat ukoll ir-rapport tal-verbali tas-seduti li saru quddiemha;

Semgħet lill-Avukati ;

Rat il-verbal tas-seduta tad-29 ta’ Jannar 2010 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi kif ġia’ ingħad il-partijiet qed jitlolbu s-separazzjoni minn ma’ xulxin għas-soliti raġunijiet. Fil-verita’ l-unika kwistjoni hija jekk il-konvenuta tilfitx id-dritt li tirċievi l-manteniment u l-ammont ta’ manteniment li għandu jħallas l-attur għall-konvenuta u għall-minuri, u dan peress li l-partijiet ġia’ qasmu l-proprjeta’ formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti permezz tal-kuntratt imsemmi fir-rikors. Dan għaliex fil-verita’ m’hemmx kwistjoni li l-kura u l-kustodja tal-minuri għandha tibqa’ f’idejn il-konvenuta kif ġia’ deċiż fid-digrieti li ngħataw fil-kors tal-kawża.

PROVI DWAR ID-DIKJARAZZJONI TA’ SEPARAZZJONI
M’hemmx dubju u l-partijiet jaqblu, illi għandha tiġi pronunzjata s-separazzjoni bejn il-partijiet. Huma żżewġu wara ftit xhur li saru jafu lil xulxin u dan wara li l-konvenuta ħarġet tqila. Għalhekk iż-żwieġ ġie ċertament affrettat.

**L-attur** ippreżenta affidavit a fol 33 fejn spjega kif iltaqgħu u żżewġu fl-2004. It-tifla twieldet fi Frar 2005 u bdew jaħdmu ma’ missier il-konvenuta li għandu negozju. Jgħid li kienu l-akkużi dwar wild li kellha ċerta D li qanqlu l-ewwel inkwiet għax jgħid li dan il-wild kellu ġia’ ħames snin u fil-frattemp qatt ma ġie ffaċċjat minn din il-mara. Kien għalhekk illi ffirma l-kuntratt fejn isseparaw il-beni, biex ħadd ma jkun jista’ jfittxu. Jgħid li eventwlament infirdu *de facto* f’Ġunju 2006 u minn dakinhar il-konvenuta kellha diversi relazzjonijiet ma’ rġiel oħra u bdiet iċċaħħdu milli jara t-tifla. Jinsisti li jaraha aktar minn darbtejn fil-gimgħa kif qed jaraha bħalissa u mingħajr superviżjoni għax m’hemmx għalfejn. Jgħid li l-konvenuta taqla’ aktar minnu u għalhekk ukoll ma jmantnihiex. Ġew preżentati wkoll affidavits ta’ omm u missier l-attur, u ta’ ħuh.

**Il-konvenuta** ppreżentat l-affidavit tagħha a fol 63. Tgħid li kemm damu jgħixu flimkien ġiet trattata ħażin ħafna minn żewġha u li dan kien irresponsabbli. Kienet sabet ħafna messaġġi telefoniċi suspettużi u kkonfermat li

żewġha ġie akkużat minn mara oħra li kellha tarbija mingħandu. Fir-rigward tal-aċċess tiċħad li qed tipprova ċċaħħad lil żewġha mit-tifla u dejjem ħaditilu kif kien suppost. Tgħid li għalkemm taħdem taqla' biss lira u nofs kull siegħa u żewġha spiss ibiddel ix-xogħol. Ippreżentat ukoll affidavits ta' missierha, ommha u oħtha. Ġew preżentati xi rapporti li għamlet l-attriċi dwar nuqqas ta' attendenza għall-aċċess u nċidenti oħra.

Mill-provi prodotti quddiem l-assistent ġudizzjarju jidher li l-attur kien jaħdem *part time* sal-2008. (fol 121). D xehdet (fol 125) u qalet li kellha tifel mill-attur fl-2003. Tgħid li l-attur sar jaf fl-2005 meta fl-aħħar sabitu għaliex kienet ilha tfittxu. Missier l-attriċi qal f'affidavit ieħor li l-attur kien jisraq mill-ħanut tiegħu meta kien jaħdem miegħu.

Għandu jingħad li għalkemm il-konvenuta fid-diversi atti preżentati quddiem il-Qorti tallega li l-attur għandu fedina penali mċappsa ma ġietx prodotta prova waħda fir-rigward. Hija nġunġiet uffiċjali tal-Pulizija iżda jidher li dawn ir-rekords huma pjuttost limitati fiż-żmien. Il-Qorti għalhekk m'hijiex f'pożizzjoni li tgħid li dan hu fatt. Bħala tort il-Qorti ma tħosshiex li għandha titfgħu kollu fuq xi parti iżda s-separazzjoni tal-partijiet hija frott ta' żwieġ affrettat u għalhekk it-tort huwa taż-żewġ partijiet.

Il-Qorti tifhem li l-kura u kustodja għandha tiġi affidata f'idejn il-konvenuta iżda ma jistax ikun li l-aċċess jibqa' jiġi eżerċitat għal dejjem taħt superviżjoni. Għalhekk se tordna biex wara ċertu żmien l-attur ikollu aċċess mingħajr tali superviżjoni u dan se tagħmlu għaliex lanqas ma hu raġonevoli li jsir minn issa u f'daqqa.  It-tifla issa *ormai* qed tikber u tkun tista' tifhem is-sitwazzjoni aħjar, tenut kont dejjem tal-problemi li solitu jinqalgħu f'sitwazzjonijiet simili.

Rigward manteniment tal-partijiet jidher li l-konvenuta qed taqla' iktar mill-konvenut li jkollu xogħol sporadiku u ma tantx hu affidabbli fir-rigward. Għalhekk mhux se tordna manteniment għall-partijiet; il-konvenut pero' tenut iħallas għall-minuri u l-Qorti se tgħolli ftit l-aħħar ammont akkordat minnha stess fl-aħħar digriet tagħha fir-rigward u

takkorda mitejn Ewro (€200) fix-xahar. Se tagħmel dan b'effett mill-1 ta' Mejju 2010 biex ma jkunx hemm komplikazzjonijiet fil-kalkolu billi hemm ġja' digriet viġenti. Fejn jidħol manteniment dovut mill-partijiet jirriżulta mill-provi li dawn iddekadew peress li ma rribattewx l-allegazzjonijiet serji fil-konfront ta' xulxin – ta' swat tal-attur u l-adulterju tal-konvenuta.

It-talba tal-konvenuta biex jiġi konfermat mandat ta' inibizzjoni mhix proponibbli skond diversi sentenzi tal-Qrati tagħna.

**DEĊIŻJONI**

**Il-Qorti għalhekk qed tiddeċiedi din il-kawża billi fir-rigward tat-talba tal- attur:**

**1. Tippronunzja s-separazzjoni bejn il-kontendenti billi ż-żwieġ tfarrak irrimedjabbilment;**
**2. Tilqa' t-tieni talba;**
**3. Tiċħad it-tielet talba iżda tordna li l-attur ikollu aċċess ta' ħames siegħat fil-gimgħa bi ftehim u b'superviżjoni sal-31 ta' Diċembru 2010 u b'effett mill-1 ta' Jannar 2011 nhar ta' Erbgħa bejn il-4:30 p.m. u s-7:30 p.m., u nhar ta' Sibt jew il-Ħadd alternattivament bejn l-10:00 a.m. u l-4:30 p.m.;**
**4. Tilqa' r-raba' talba;**
**Fir-rigward tal-kontro-talba:**

**1. Tilqa' l-ewwel talba iżda għaliex iż-żwieġ tfarrak irrimedjabbilment;**
**2. Tilqa' t-tieni talba billi takkorda kura u kustodja tal-minuri lill-konvenuta b'aċċess kif ġia' spjegat fid-deċiżjoni dwar it-tielet talba tal-attur;**
**3. Tordna lill-attur iħallas manteniment għall-minuri fis-somma ta' mitejn Ewro (€200) fix-xahar b'effett mill-1 ta' Mejju 2010, tiċħad it-talba fir-rigward tal-manteniment għall-istess konvenuta.**
**4. Tilqa' r-raba' talba;**
**5. Tiċħad il-ħames talba billi mhix proponibbli;**
**6. Tilqa' s-sitt talba;**
**7. Tilqa' s-seba' talba;**
**8. Tiċħad it-tmien talba billi vaga għall-aħħar;**

**9. Tilqa’ d-disa’ talba;**
**Spejjeż kollha tal-kawża jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------